# MALTA MISSJUNARJA – IL-5 PARTI

## Inkomplu naqraw mill-imgħoddi

Il-kelmtejn ta' V.D.Ciappara fuq ix-xogħlijiet tal-konkors letterarju missjunarju dehru f'Malta Missjunarja Sena IX, Ġun.-Lul. 1941, nri. 6-7, pp.97-101 u kienu maqsumin kif ġej:



Is-Sur Nin Cremona

(1) Radd ta' Ħajr: (a) lis-Sur Nin Cremona (1880-1972) u l-Prof. P.P. Saydon (1895-1971) bħala eżaminaturi għas-sabar li ħadu u għar-reqqa li biha għarblu x-xogħlijiet; (b) Lil dawk kollha li wieġbu b'ħeġġa qaddisa għall-istedina tagħna u b'hekk urew l-imħabba li għandhom lejn il-missjoni u l-ilsien Malti; (2) Sejħa liż-Żgħażagħ Tagħna: V.D.C. jilmenta min-nuqqas ta' parteċipazzjoni żagħżugħa; (3) Xtaqna Aħjar: għad li l-konkors tnieda fl-eqqel tal-gwerra, id-direzzjoni xorta waħda stenniet xi ħaġa aħjar miż-żgħażagħ, anki jekk kienet taf li ħadd ma jista' jinġabar fi ħsibijietu kif jixtieq u jagħtihom sura, li togħġob, kif trid is-sengħa tal-kitba. Ħafna mix-xogħlijiet li daħlu għall-konkors kienu neqsin mill-ħila biex il-kitba tkun mill-aħjar u milquta minn kollox; (4) Il-Proża u l-Poeżija: V.D.C. jagħżel li jitkellem l-ewwel fuq il-proża, li għall-kuntrarju tal-poeżija, ma titkellimx ħlief fuq ftit nies fiż-żminijiet tagħhom biss. Skontu wkoll, il-poeżija, miktuba f'liema żmien miktuba, tħaddan fiha ż-żminijiet kollha u twieġeb



Prof. P.P. Saydon

għall-mistoqsijiet u l-ħtiġijiet ta' ruħ il-bniedem ta' kull żmien u għalhekk hija dejjem eqreb lejna mill-proża. (5) Il-Proża: skont V.D.C. din kienet bil-bosta aħjar mill-poeżija minn kull aspett. Bħala eżempju jieħu n-novella rebbieħa tal-ewwel premju 'Qalb ta' Missjunarju' (Sena IX, Ġun.-Lul. 1941, nri. 6-7, pp.103-5) ta' Ġużè Galea (1901-78). Fiha wieħed jinnota kemm hu mexxej il-ħsieb tal-kittieb, li jidher imħarreġ sewwa fis-sengħa tal-kitba, kemm hi qawwija u ħajja l-kelma tiegħu, kemm huma mwieżna tajjeb u marbutin sewwa bejniethom il-ħsibijiet

tiegħu, x'ħila għandu li jġibilna f'erba' kelmiet dehra sabiħa u ħajja quddiem għajnejna, u fl-aħħar nett x'tagħlima jħallilna tal-kobor u tal-ħniena ta' min ta ruħu lil Alla, u mħabba fih jaħfer minn qalbu u jħobb tabilħaqq lil min għamillu d-deni u kien sa jwasslu għall-mewt.




Ciappara kellu wkoll kliem ta' tifħir għan-novella Atumokra[1] (Sena IX, Ġun.-Lul. 1941, nri. 6-7, pp.107-8/114) ta' Ġużi Mallia (1917-2004), psewdonimu: Ta' Pitanu, li b'kitbietu jġegħilna nħossu dak kollu li għaddej mill-qalb u mir-ruħ imħawda tal-ħalliel. In-novella, li ġiet fit-tieni post, għandha kitba mexxejja, bla tlellix żejjed u bla xkiel li tieħu spunt minn ġrajja mill-ħajja tal-missjoni, b'tagħlima li: *"Alla dejjem jaħfer lill-midneb niedem." U għad li fiha xi nuqqasijiet, fiha nsibu din l-intensità psikoloġika-drammatika, li tixraq lill-aħjar kittieba."* Iżda għal Ciappara, in-novella 'Il-Kandlieri taċ-Ċomb' (Sena IX, Ġun.-Lul. 1941, nri. 6-7, pp.110-111) ta' Albert M. Cassola (1915-74), psewdonimu: Barka, li ġiet fit-tielet post, hija l-aħjar fost kollha f'dik li hi s-sengħa tan-novella moderna. Fiha l-kittieb jurina fi tliet kwadri l-ħajja tal-missjunarju: sejħa għall-missjoni, fil-qasam tal-missjoni, mewt tal-missjunarju u li minnha wieħed jista' jislet tagħlima: *"Meta nagħrfu s-sejħa f'Alla, noqogħdu għaliha."* Skont Ciappara, il-ħila li biha l-kittieb iħallina naħsbu x'ġara minn taqsima għall-oħra mingħajr ma jgħidilna u b'danakollu jġegħilna ngħaqqdu ġrajja m'oħra, turi bid-dieher li hu mħarreġ tajjeb. Barra minn dan, in-novella mill-bidu sat-tmiem hi ħaġa sħiħa. Ciappara jgħid xi ħaġa wkoll dwar in-novella l-oħra li ħadet ir-raba' premju: 'Issalva Ruħ u Tmut' (Sena IX, Ġun.-Lul. 1941,

[1] Atumokra huwa l-isem ta' żagħżugħ Abissin, ta' sura twila u mimlija, felħan u ta' dehra sabiħa li kien jgħix f'għar moħbi b'ħafna siġar, fuq waħda mill-iġbla li jkennu r-raħal ċkejken ta' Dun Ġwann fil-ġewwieni tal-Abissinja, mgħammar minn ftit nies kollha rgħajja u bdiewa, fqar u nieqsa mit-tagħlim Nisrani.

nri. 6-7, pp.115-117) ta' Pawlu Attard, psewdonimu: Spama. Skontu, hija titkellem fuq ġrajja meħuda mill-ħajja tal-lum fil-gwerra u għalhekk il-kittieb jurina li aħna nistgħu niktbu fuq il-missjoni jekk inħarsu ftit madwarna u nfittxu ftit x'rabta għandhom il-ġrajjiet tal-lum mal-missjoni; ħaġa ewlenija li xtaqna sibna fil-kitba li bagħtulna! B'hekk, il-kittieb jirnexxilu jidħol f'qalb il-patri u jikxef it-taħbit tagħha, filwaqt li jġiegħel lill-qarrej iħossu. Rigward il-kitba, l-uniku kritika li saritilha kienet l-użu żejjed ta' xi kliem barrani. It-tagħlima li nieħdu minn din in-novella: *"Alla dejjem jisma' t-talb u x-xewqat ta' qalb umli u marbuta mar-rieda tas-superjuri."*

(6) Il-Poeżija: il-kritika ta' V.D.C. hawnhekk kienet waħda ħarxa: "Tneħħi tnejn, tlieta mill-poeżija, il-bqija ma jgħidu xejn, il-lehma nieqsa fihom, is-sura mħarbta, ir-ritmu bla widna u l-vrejjes zopop." Mill-banda l-oħra kellu tifħir għall-poeżija rebbieħa: 'Tliet Allat' (Sena IX, Ġun.-Lul. 1941, nri. 6-7, pp.101-2) fejn Karmenu Vassallo (1913-87), psewdonimu: Melintesis Militans, bi kliem, li jaqbel ma' ħsibijietu, bla tbatija jfehemna dak li jrid jgħid; kemm huma mexxejja l-vrejjes, kif huma magħqudin flimkien bħal qtajjar tal-ilma ta' gelgul wieħed li ħiereġ minn blata, jinżel fil-ġonna mfewħa tar-ruħ u jisraq minnhom il-ħlewwiet u l-ilwien ta' ħsibijiet imqabbla. Il-poeżija ta' Vassallo fiha għaxar strofi endekasillabi, imqassmin fi tliet gruppi ta' tlieta l-waħda u bl-aħħar waħda għaliha, weħidha. Ħsieb: *"La l-ġid tad-dinja, la l-flus u lanqas l-imħabba ta' ħliqa, li tħobb kif trid id-dinja, ma jistgħu jagħtu l-hena li ġġib magħha l-ħidma għall-fidwa tal-erwieħ."* Il-poeżija li ġiet fit-tieni post: 'Horas non numero nisi serenas' (Sena IX, Ġun.-Lul. 1941, nri. 6-7, p.106) t'Amante Buontempo (1920-2004), psewdonimu: Felicitas, fiha disa' strofi bil-vers tat-12 u rima abċb, imqassmin fi tliet partijiet: 2-5-2. Ħsieb: *"Fil-ġmiel u l-hemda tan-natura wara nżul u fi tlugħ ix-xemx il-missjunarju jsib l-hena tax-xogħol bla heda tiegħu għall-ġid tal-erwieħ."* Fi kliem Ciappara, din hija poeżija sabiħa, iżda fiha xi ħsibijiet mhux ġodda. Dan il-poeta jidher jaħseb iżżejjed u għalhekk ħsibijietu jitgħabbru b'dell mudlami u min jaqrahom ma jifhimhomx mill-ewwel. It-tixbih ta' xi wħud minn ħsibijietu jaħsad il-qarrej, bħallikieku domna ftit biex fhimna li l-qamar huwa 'qanpiena bi lsien bla leħen'. Madankollu, din il-poeżija toħloq dinja għaliha, sema sabiħ ta' hemda u ġabra li jġibulek quddiem għajnejk dehra mistika tar-ruħ missjunarja.

(7) Dak li ma sibniex fil-kitba kollha: hawn qed jirreferi għan-nuqqas t'oriġinalità li kien hemm tista' tgħid fix-xogħlijiet kollha; (8) Għal li Ġej: messaġġ tal-aħħar indirizzat liż-żgħażagħ biex ma jaqtgħux qalbhom mill-kritika, u għal li ġej ikunu aktar kotrana u jiktbu kitba aħjar. U ieħor lir-rebbieħa biex jibqgħu jiktbu u b'hekk jagħmluha ta' missjunarji bil-kitba, li twassal 'il bogħod aktar mill-kelma. Ciappara jagħlaq il-kelmtejn tiegħu billi jgħid: "tħarsux lejn il-ħaġa żgħira li se tirbħu u mħabba fiċ-ċokon tagħha ma tiktbulniex. Il-faqar ta' 'Malta Missjunarja' ma jistax jagħti aħjar! Ħarsu dejjem 'l fuq 'l fuq fis-smewwiet fejn Alla jrodd bil-mija fil-wieħed ta' kull għemil tajjeb li tagħmlu fuq din l-art għall-ġieħ u s-sebħ tiegħu." ■